IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2026
COM(2026) 156 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska

Werrej

1. INTRODUZZJONI 2
2. PUNTI ĠENERALI TA' VALUTAZZJONI 5
   2.1. Materji ġenerali 5
   2.2. Limiti ta' żmien u ħinijiet ta' rispons (l-Artikoli 9 u 20; l-Artikoli 7(2) u 18(5)) 6
   2.3. Posponiment u impossibbiltà ta' eżekuzzjoni (l-Artikoli 10, 13, 21 u 22) 7
   2.4. Komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-persuni affettwati (l-Artikoli 25 u 32) 8
   2.5. Spejjeż (l-Artikolu 31) 9
   2.6. Kwistjonijiet oħrajn 9
3. PUNTI SPEĊIFIĊI TA' VALUTAZZJONI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 38 10
   3.1. Possibbiltà li jsiru u jiġu rtirati dikjarazzjonijiet skont l-Artikoli 4(2) u 14(2) 10
   3.2. Interazzjoni bejn ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u r-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska (l-Artikoli 8 u 19) 11
   3.3. Ġestjoni u disponiment ta' proprjetà ffriżata u kkonfiskata, inklużi r-restituzzjoni u l-kumpens (l-Artikoli 28, 29 u 30) 13
4. PROPOSTI TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI 16
   4.1. Stati Membri 16
   4.2. Eurojust 17
5. KONKLUŻJONI 18

1. INTRODUZZJONI

Il-motiv ewlieni għall-organizzazzjonijiet kriminali li joperaw b'mod transfruntier, inkluži n-networks kriminali ta' riskju għoli, huwa l-gwadann finanzjarju. Skont l-aħħar Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-Unjoni Ewropea (EU-SOCTA, European Union Serious and Organised Crime Threat Assessment)[1] tal-Europol, ippubblikata fl-2025, il-kriminalità organizzata tiġġenera biljuni fi profitti fl-UE kull sena. Dan jirriżulta f'għadd dejjem akbar ta' vittmi u jiġġenera spejjeż sostanzjali għall-Istati Membri biex jirrispondu għall-ħsara kkawżata minn tali attività kriminali u jimmitigawha. Il-profitti illeċiti jiġu mċaqalqa bejn il-fruntieri għall-finijiet tal-ħasil tal-flus, u b'hekk l-organizzazzjonijiet kriminali jkunu jistgħu jistabbilixxu bażi finanzjarja. Dan, min-naħa l-oħra, jippermettilhom ikomplu bl-attivitajiet kriminali tagħhom, jiffinanzjaw il-korruzzjoni u jinfiltraw l-ekonomiji leġittimi. Għalhekk, id-disponibbiltà tar-rikavat mill-kriminalità toħloq theddida sinifikanti għall-integrità tal-ekonomija u tas-soċjetà, filwaqt li tnawwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

F'dan l-isfond, huwa essenzjali li l-kriminali, b'mod partikolari l-membri ta' organizzazzjonijiet kriminali, jiġu mċaħħda mir-rikavat tar-reati tagħhom biex tiġi indirizzata t-theddida serja li toħloq il-kriminalità organizzata. L-isforzi biex isir dan b'mod effettiv iridu jiżdiedu b'mod sinifikanti, peress li r-rati ta' konfiska fl-UE għadhom baxxi ħafna. Dan huwa importanti wkoll għall-vittmi tal-kriminalità, peress li l-miżuri ta' ffriżar u ta' konfiska huma għodod essenzjali għall-iffaċilitar tal-kumpens u r-ritorn tal-proprjetà lis-sidien leġittimi tagħha.

Ir-Regolament (UE) 2018/1805 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska[2] (ir-"Regolament") ġie adottat b'rikonoxximent tal-fatt li kooperazzjoni transfruntiera effettiva hija essenzjali għall-iffriżar u l-konfiska tal-mezzi strumentali u r-rikavat tal-kriminalità b'mod effettiv. Ir-Regolament huwa wieħed minn diversi biċċiet essenzjali tal-istampa usa' li tikkostitwixxi l-qafas legali tal-UE għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kriminalità organizzata[3] u ssostitwixxa d-Deċiżjonijiet Kwadru anqas estensivi 2003/577/ĠAI[4] u 2006/783/ĠAI[5], li issa japplikaw biss għall-kooperazzjoni mad-Danimarka u l-Irlanda u bejniethom.

Abbażi tal-Artikolu 82(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jobbligaw lill-Istati Membri jirrikonoxxu, mingħajr

[1] Disponibbli f'The changing DNA of serious and organised crime - EU Serious and Organised Crime Threat Assessment 2025 (EU-SOCTA) | Europol.

[2] ĠU L 303, 28.11.2018, p. 1.

[3] L-istrumenti li huma interkonnessi b'mod sostantiv u operattiv mar-Regolament jinkludu, fost l-oħrajn: Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1); Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024); u l-*acquis* tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, b'mod partikolari d-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (kif emendata) (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

[4] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/577/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-twettiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 45).

[5] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59).

formalitajiet ulterjuri, ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska maħruġa minn Stati Membri oħra fil-qafas ta' proċedimenti f'materji kriminali u li jeżegwixxu dawk l-ordnijiet fit-territorji tagħhom. Ir-Regolament jippresupponi li d-deċiżjonijiet li għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti dejjem se jittieħdu f'konformità mal-prinċipji tal-legalità, tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Ir-Regolament għandu l-għan ukoll li jiżgura li d-drittijiet tal-persuni affettwati mir-rikonoxximent ta' tali ordnijiet jiġu rrispettati f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u mal-*acquis* tal-UE dwar id-drittijiet proċedurali[6]. Kif indikat fil-Premessa 13 tiegħu, ir-Regolament japplika għall-ordnijiet kollha ta' ffriżar u konfiska maħruġa fi ħdan il-qafas ta' proċedimenti f'materji kriminali. "Proċedimenti f'materji kriminali" huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. It-terminu jkopri t-tipi kollha ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska maħruġa wara proċedimenti fir-rigward ta' reat kriminali. Dan jinkludi, iżda ma huwiex neċessarjament limitat għal, ordnijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1260[7]. Min-naħa l-oħra, l-ordnijiet ta' konfiska maħruġa fi ħdan il-qafas ta' proċedimenti f'materji ċivili jew amministrattivi jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

L-Artikolu 38 tar-Regolament jeħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, inkluża informazzjoni dwar:

(a) il-possibbiltà li l-Istati Membri jagħmlu u jirtiraw dikjarazzjonijiet skont l-Artikoli 4(2) u 14(2);
(b) l-interazzjoni bejn ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u r-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska;
(c) l-applikazzjoni tal-Artikoli 28, 29 u 30 b'rabta mal-ġestjoni u d-disponiment ta' proprjetà ffriżata u kkonfiskata, ir-restituzzjoni ta' proprjetà lill-vittmi u l-kumpens lill-vittmi.

Biex tinġabar informazzjoni dwar il-punti (a), (b) u (c), il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-Istati Membri. Irċeviet tweġibiet minn 19 mill-25 Stat Membru parteċipanti.

Din l-informazzjoni tissupplimenta d-data statistika li l-Istati Membri jridu jiġbru regolarment mill-awtoritajiet rilevanti tagħhom u jibagħtu lill-Kummissjoni kull sena f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament. Dik l-istatistika tinkludi l-għadd ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska riċevuti minn Stat Membru mingħand Stati Membri oħra li ġew

[6] Id-Direttiva 2010/64/UE dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1); Id-Direttiva 2012/13/UE dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1); Id-Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU L 294, 6.11.2013, p. 1); Id-Direttiva (UE) 2016/343 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU L 65, 11.3.2016, p. 1); Id-Direttiva (UE) 2016/1919 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1); rettifika għad-Direttiva (UE) 2016/1919 (ĠU L 91, 5.4.2017, p. 40); Id-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1).

[7] Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024).

rikonoxxuti u eżegwiti u l-għadd ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska li ġew rifjutati r-rikonoxximent u/jew li l-eżekuzzjonijiet tagħhom ġew rifjutati.

L-Istati Membri jridu jibagħtu wkoll l-istatistika li ġejja lill-Kummissjoni fejn disponibbli fil-livell ċentrali:

(a) l-għadd ta' każijiet li fihom il-vittma tkun ġiet ikkumpensata jew ingħatat lura l-proprjetà miksuba mill-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska skont dan ir-Regolament; u
(b) l-perjodu medju meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska skont ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tinnota li mhux l-Istati Membri kollha ssodisfaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-Artikolu 35. Żewġ Stati Membri naqsu milli jipprovdu data b'mod konsistenti, filwaqt li sitta ma pprovdewx informazzjoni għall-4 snin kollha minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (2021-2024). Il-format u l-komparabbiltà tad-data riċevuta jvarjaw ukoll, b'xi Stati Membri li pprovdew biss data aggregata għall-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska.

Dan ir-rapport jibbaża wkoll fuq ir-rapport tal-każijiet tal-Eurojust dwar ir-Regolament 2018/1805[8], li ġie ppubblikat f'Settembru 2025, u fuq ir-riċerka mwettqa taħt proġetti rilevanti ffinanzjati mill-Programm dwar il-Ġustizzja[9].

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għadha ma kellhiex l-okkażjoni li tagħti sentenzi dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament, iżda bħalissa hemm pendenti rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar ir-Regolament, il-Kawża C-8/24, fejn il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Richard de la Tour ingħataw fit-12 ta' Ġunju 2025. Lil hinn mir-Regolament innifsu, il-Qorti ntalbet ukoll biex tinterpreta l-predeċessur tar-Regolament, id-Deċiżjoni Kwadru 2006/783/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska[10] u l-istrumenti tal-UE li jistabbilixxu regoli minimi dwar miżuri ta' ffriżar u konfiska fil-livell nazzjonali kif ukoll kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi għall-iskop tal-irkupru tal-assi kriminali, bħad-Deċiżjoni Kwadru 2005/212/ĠAI dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità[11], id-Direttiva 2014/42/UE dwar l-iffriżar u l-konfiska[12] u s-suċċessur tagħha, id-Direttiva (UE) 2024/1260[13]. Il-każistika tal-Qorti dwar dawn l-istrumenti tista' titqies li hija ta' relevanza kuntestwali għall-interpretazzjoni tar-Regolament, pereżempju meta tipprovdi gwida dwar l-interpretazzjoni ta' kunċetti li huma komuni għall-istrumenti kollha tal-UE għall-irkupru ta' assi kriminali[14] jew

[8] https://www.eurojust.europa.eu/publication/eurojust-report-regulation-20181805-mutual-recognition-freezing-and-confiscation-september2025.

[9] Għad-dettalji dwar il-programm dwar il-ġustizzja, ara https://commission.europa.eu/funding-tenders/find-funding/eu-funding-programmes/justice-programme_mt.

[10] Ara, pereżempju, is-sentenza reċenti tal-Qorti (il-Ħames Awla) tad-29 ta' Jannar 2026, Munik, il-Kawża C-562/24, EU:C:2026:55.

[11] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49).

[12] Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39).

[13] Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024).

[14] Filwaqt li s-sentenza tal-Qorti fil-Kawża C-655/24, Latranov, għadha pendenti, il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sánchez-Bordona tal-11 ta' Diċembru 2025 (EU:C:2025:969) diġà ddiskutew l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "mezzi strumentali" fil-kuntest tal-irkupru ta' assi kriminali mill-UE.

dwar standards minimi għal rimedji effettivi li jista' jkollhom rwol fid-determinazzjonijiet mill-Istat ta' eżekuzzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' ordnijiet tal-iffriżar u ta' konfiska[15].

2. PUNTI ĠENERALI TA' VALUTAZZJONI

Minn meta daħal fis-seħħ, ir-Regolament iffaċilita r-rikonoxximent u l-infurzar ta' eluf ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Abbażi tal-istatistika nnotifikata lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament, bejn Diċembru 2021 u Diċembru 2024 ġew rikonoxxuti aktar minn 2 700 ordni ta' ffriżar, b'aktar minn 1 500 ordni rrapportati bħala eżegwiti. Għall-ordnijiet ta' konfiska, ġew rikonoxxuti aktar minn 800 talba, li minnhom 370 ġew irrapportati bħala eżegwiti. L-għadd ta' talbiet għall-iffriżar u l-konfiska riċevuti minn kwalunkwe Stat Membru jvarja ħafna, b'nofs tużżana Stati Membri li b'mod konsistenti rrappreżentaw aktar minn żewġ terzi tat-talbiet kollha bħal dawn riċevuti.

Fl-istess ħin, l-Istati Membri rrapportaw aktar minn 200 rifjut li jiġu rikonoxxuti u/jew eżegwiti ordnijiet ta' ffriżar u aktar minn 100 rifjut li jiġu rikonoxxuti u/jew eżegwiti ordnijiet ta' konfiska. Barra minn hekk, l-Eurojust indikat li kienet intalbet tintervjeni biex tiffaċilita l-kooperazzjoni f'aktar minn 900 każ matul il-perjodu ta' referenza (2021-2024). Tabilħaqq, ir-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust u t-tweġibiet tal-Istati Membri għall-kwestjonarju mmirat tal-Kummissjoni jikkonfermaw li għad hemm mistoqsijiet u sfidi dwar l-applikazzjoni tar-Regolament. F'dan il-kuntest, dan ir-rapport jenfasizza aspetti speċifiċi tar-Regolament u l-applikazzjoni tagħhom fil-prattika.

2.1. Materji ġenerali

Min-natura tiegħu stess, ir-Regolament huwa, fil-prinċipju, direttament applikabbli u ma jirrikjedix traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tiegħu. Tali miżuri ma għandhomx jippreġudikaw l-applikabbiltà diretta tar-Regolament.

Mid-19-il Stat Membru li wieġbu għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament, 17 adottaw miżuri ta' implimentazzjoni leġiżlattivi jew prattiċi biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tiegħu fis-sistemi legali tagħhom. Miżuri bħal dawn jinkludu, pereżempju:

1) leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni li tiċċara l-pożizzjoni u l-funzjonament tar-Regolament fir-rigward tal-*acquis* tal-UE u l-liġi nazzjonali li kienu jeżistu minn qabel;
2) emendi leġiżlattivi biex jiġu stabbiliti regoli nazzjonali dwar materji li jitħallew għall-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri[16] u/jew biex jiġi żgurat li l-liġi nazzjonali ma tmurx kontra l-applikazzjoni tar-Regolament jew ma jkunx ta' impediment għalih;
3) manwali u dokumenti oħra ta' gwida għall-prattikanti nazzjonali dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u konfiska.

[15] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2021, OM, il-Kawża C-393/19, EU:C:2021:8.
[16] Pereżempju, l-adozzjoni ta' regoli skont il-liġi nazzjonali dwar rimedji effettivi f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament.

Barra minn hekk, 12-il Stat Membru indikaw li għandhom xi forma ta' mekkaniżmu nazzjonali fis-seħħ biex jimmonitorjaw l-użu u l-applikazzjoni effettiva tar-Regolament.

2.2. Limiti ta' żmien u ħinijiet ta' rispons (l-Artikoli 9 u 20; l-Artikoli 7(2) u 18(5))

L-Artikoli 9 u 20 tar-Regolament jistabbilixxu l-limiti ta' żmien sa meta l-ordnijiet barranin ta' ffriżar u ta' konfiska jridu jiġu rikonoxxuti u eżegwiti. Għall-ordnijiet ta' ffriżar, l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tiddeċiedi dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni u teżegwixxi l-ordni mingħajr dewmien u bl-istess ħeffa u prijorità bħal f'każ domestiku simili. Għall-ordnijiet ta' konfiska, l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tiddeċiedi dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 45 jum wara li tirċievihom.

Kien hemm 11-il Stat Membru li rrapportaw li, meta kienu qed jaġixxu bħala l-Istat emittenti, xi drabi ltaqgħu ma' każijiet li fihom il-limiti ta' żmien għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska ma ġewx irrispettati. Disa' Stati Membri indikaw li kienu ltaqgħu ma' problemi biex jissodisfaw il-limiti ta' żmien meta kienu qegħdin jaġixxu bħala l-Istat ta' eżekuzzjoni. Fil-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet, id-dewmien jidher li rriżulta mill-ħtieġa li tintalab informazzjoni addizzjonali mill-Istat emittenti jew li tiġi vverifikata l-informazzjoni meħtieġa għall-eżekuzzjoni. Stat Membru wieħed indika wkoll li xi drabi d-dewmien kien marbut mal-ammont għoli ta' xogħol tal-awtoritajiet kompetenti. Madankollu, b'mod ġenerali, jidher li l-limiti ta' żmien ġew issodisfati.

L-Eurojust tirrapporta li ż-żmien medju meħud mill-awtoritajiet fl-Istati Membri biex jirrikonoxxu u jeżegwixxu ordnijiet ta' ffriżar ivarja minn 10 ijiem għal diversi xhur[17]. Fir-rapport tagħha, l-Eurojust tidentifika n-nuqqas ta' limiti ta' żmien speċifiċi fir-Regolament għar-rikonoxximent ta' ordnijiet ta' ffriżar mhux urġenti bħala raġuni għal din id-diverġenza sinifikanti fil-ħeffa tal-eżekuzzjoni. L-Artikolu 9 tar-Regolament ma jispeċifikax għadd ta' jiem iżda jiddikjara biss li l-ordnijiet iridu jiġu eżegwiti "*mingħajr dewmien u bl-istess ħeffa u prijorità bħal f'każ domestiku simili*".

Għal talbiet urġenti ta' ffriżar, jiġifieri talbiet fejn ikun hemm raġunijiet leġittimi biex wieħed jibża' minn dissipazzjoni imminenti tal-proprjetà, ir-Regolament jistabbilixxi żmien ta' rispons ħafna aktar strett: 48 siegħa għad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u 48 siegħa oħra għall-eżekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni. L-Istati Membri ma rrapportaw l-ebda diffikultà partikolari fil-konformità ma' dawn il-limiti ta' żmien għal talbiet urġenti ta' ffriżar. Madankollu, l-Eurojust tirrapporta[18] li l-interpretazzjonijiet tal-Istati Membri ta' "urġenza" jvarjaw, u xi wħud japplikaw il-kunċett b'mod aktar wiesa' minn oħrajn.

Kien hemm 12-il Stat Membru li indikaw li, meta jaġixxu bħala l-Istat emittenti, xi drabi ltaqgħu ma' problemi bir-rapportar tempestiv mill-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska f'konformità mal-Artikoli 7(2) u 18(5) tar-Regolament. F'xi każijiet, dawn esperjenzaw dewmien sa 6 xhur jew ma rċevew l-ebda komunikazzjoni rilevanti. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri affettwati indikaw li dewmien bħal dan ma huwiex in-norma u li l-konformità mal-Artikoli 7 u 18 hija ġeneralment żgurata. Minkejja dan il-livell ġenerali għoli ta' konformità, xi Stati Membri ssuġġerew li l-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament huma qosra wisq u

[17] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust, p. 14.
[18] *Ibid*.

għandhom jiġu aġġustati. Ġie ssuġġerit ukoll li n-nuqqas ta' limiti ta' żmien fir-Regolament għall-għoti ta' informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tittieħed deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jista' jwassal għal dewmien sproporzjonat.

2.3. Posponiment u impossibbiltà ta' eżekuzzjoni (l-Artikoli 10, 13, 21 u 22)

L-Artikoli 10, 13, 21 u 22 tar-Regolament ikopru każijiet fejn ikun impossibbli b'mod temporanju jew permanenti li tiġi eżegwita ordni ta' ffriżar jew ta' konfiska. L-Artikoli 10 u 21 jipprevedu li l-eżekuzzjoni tista' tiġi posposta, pereżempju, f'każijiet fejn din timmina investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja jew fejn il-proprjetà inkwistjoni tkun diġà s-suġġett ta' ordni oħra. L-Artikoli 13 u 22 jirregolaw sitwazzjonijiet fejn ikun impossibbli b'mod permanenti li tiġi eżegwita ordni. L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tiddikjara li l-eżekuzzjoni hija impossibbli, pereżempju, fejn il-proprjetà tkun diġà ġiet ikkonfiskata, ma tistax tinstab fil-post indikat fiċ-ċertifikat jew inkella tkun sparixxiet jew inqerdet b'xi mod ieħor.

Kien hemm 11-il Stat Membru li pprovdew data dwar l-użu tal-opzjoni skont l-Artikoli 10 u 21 biex tiġi posposta l-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Ftit minn dawn l-Istati Membri indikaw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom kienu pposponew l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar minħabba li l-proprjetà kienet diġà s-suġġett ta' ordni eżistenti maħruġa minn Stat Membru ieħor (l-Artikolu 10(1)(b)) jew minħabba li kienet is-suġġett ta' ordni domestika eżistenti li kellha prijorità skont il-liġi nazzjonali (l-Artikolu 10(1)(c)). F'mill-inqas Stat Membru wieħed, din is-sitwazzjoni tal-aħħar hija relattivament komuni. L-Eurojust tirrapporta[19] li dan jirriżulta l-aktar meta r-reati ta' frodi transfruntiera jiġu investigati fl-Istat emittenti u r-reati relatati ta' ħasil ta' flus jiġu investigati fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

L-ebda Stat Membru ma rrapporta li ppospona l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska f'konformità mal-Artikolu 21.

L-istess 12-il Stat Membru pprovdew ukoll informazzjoni dwar każijiet fejn kien impossibbli li tiġi eżegwita ordni ta' ffriżar jew konfiska (l-Artikoli 13 u 22). Għall-ordnijiet ta' ffriżar, Stat Membru wieħed irrapporta każ li fih ordni ma setgħetx tiġi eżegwita minħabba li l-proprjetà kienet diġà ġiet ikkonfiskata (l-Artikolu 13(3)(a)). Seba' Stati Membri ltaqgħu ma' każijiet li fihom il-proprjetà kienet sparixxiet (l-Artikolu 13(3)(b)) jew ma setgħetx tinstab (l-Artikolu 13(3)(d)). Żewġ Stati Membri rrapportaw talbiet dwar proprjetà li kienet inqerdet (l-Artikolu 13(3)(c)), u erba' rrapportaw każijiet li fihom il-proprjetà ma setgħetx tinstab minħabba li l-informazzjoni fiċ-ċertifikat tal-iffriżar ma kinitx preċiża biżżejjed (l-Artikolu 13(3)(e)). Stat Membru wieħed indika li, b'mod ġenerali, għal madwar 60 fil-mija tat-talbiet għall-iffriżar, il-proprjetà inkwistjoni tipikament ma tkunx tista' tiġi lokalizzata jew l-ammont ta' flus jew il-valur ta' proprjetà oħra misjuba jkunu negliġibbli. Seba' Stati Membri oħra rrapportaw esperjenzi simili.

Għat-talbiet ta' konfiska, in-numru ta' każijiet li fihom kien impossibbli li tiġi eżegwita ordni jidher li huwa ferm aktar baxx. Erba' Stati Membri biss iltaqgħu ma' każijiet bħal dawn. Dawn kienu jikkonċernaw proprjetà li sparixxiet (l-Artikolu 22(3)(b), irrapportata minn żewġ

[19] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust, p. 15.

Stati Membri), proprjetà li nqerdet (l-Artikolu 22(3)(c), irrapportata minn Stat Membru wieħed), proprjetà li ma setgħetx tinstab (l-Artikolu 22(3)(d), irrapportata minn żewġ Stati Membri) u proprjetà li ma setgħetx tinstab minħabba informazzjoni mhux preċiża biżżejjed fiċ-ċertifikat ta' konfiska (l-Artikolu 22(3)(e), irrapportata minn żewġ Stati Membri).

2.4. Komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-persuni affettwati (l-Artikoli 25 u 32)

L-Artikolu 25 tar-Regolament jirrikjedi li l-awtoritajiet emittenti u ta' eżekuzzjoni jikkonsultaw lil xulxin biex jiżguraw l-applikazzjoni effiċjenti tar-Regolament, bl-użu ta' komunikazzjoni diretta u, fejn xieraq, bl-involviment tal-awtoritajiet ċentrali tagħhom.

Disa' Stati Membri rrapportaw sfidi relatati mal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. L-Istati Membri kollha kkonfermaw li l-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru permezz ta' kuntatt dirett u informali bejn l-awtoritajiet kompetenti (jiġifieri permezz tal-posta elettronika jew bit-telefown), jew bl-involviment tal-awtoritajiet ċentrali maħtura tagħhom jew mingħajru. Madankollu, xi Stati Membri indikaw limitazzjonijiet marbuta mal-volum u t-tip ta' data li tista' jew għandha tintbagħat bil-posta elettronika. Diversi Stati Membri indikaw li kienu ħadmu mal-Eurojust u n-Network Ġudizzjarju Ewropew biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni f'każijiet urġenti, b'mod partikolari minħabba li l-ħinijiet ta' rispons ta' ċerti tipi ta' awtoritajiet kompetenti, bħall-qrati, spiss kienu twal. L-ostakli lingwistiċi, in-nuqqas ta' konferma tar-riċevuta tal-messaġġi u d-diffikultajiet fl-identifikazzjoni tal-punti ta' kuntatt it-tajbin ġew indikati wkoll bħala ostakli għal konsultazzjonijiet effiċjenti. L-Eurojust ikkonfermat li, f'diversi każijiet, kienet intalbet tassisti fl-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru rikjest. L-Eurojust tirrapporta, pereżempju, li, f'xi Stati Membri, meta ordni ta' ffriżar tkun immirata lejn diversi assi li jinsabu f'żoni differenti tal-istess pajjiż – bħal kontijiet bankarji miftuħa ma' banek differenti – għandhom jiġu kkuntattjati diversi awtoritajiet għall-eżekuzzjoni tal-istess ċertifikat[20].

Żewġ Stati Membri indikaw ukoll diffikultajiet biex jikkonformaw mal-obbligu skont l-Artikolu 32 tar-Regolament li jinfurmaw lill-persuni affettwati bl-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar, jew ta' deċiżjoni li tiġi rikonoxxuta u eżegwita ordni ta' konfiska, u ta' kwalunkwe assistenza li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' titlob mill-awtorità emittenti f'dan il-kuntest. Dan l-obbligu huwa partikolarment ta' sfida meta l-persuna affettwata la tkun tinstab fl-Istat Membru emittenti u lanqas f'dak ta' eżekuzzjoni.

Kwistjoni oħra li ġiet osservata kienet il-ħtieġa li r-rekwiżiti ta' informazzjoni jiġu rrikonċiljati mal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet. L-Artikolu 11(2) tar-Regolament jikkonferma li l-awtorità ta' eżekuzzjoni trid tinforma lill-persuni affettwati malli ordni ta' ffriżar tkun ġiet eżegwita, f'konformità mal-Artikolu 32. Madankollu, l-Artikolu 11(3) jiċċara li l-awtorità emittenti tista' titlob lill-awtorità ta' eżekuzzjoni tipposponi l-komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-persuni affettwati biex tipproteġi l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin. Kif tikkonferma l-Eurojust[21], dan ikkawża problemi għal mill-inqas Stat Membru wieħed li l-liġi nazzjonali tiegħu tmur kontra r-Regolament f'dan ir-rigward fis-sens li ma jippermettix derogi mir-rekwiżit li l-persuni affettwati jiġu infurmati minnufih.

[20] *Ibid*. p. 10.
[21] *Ibid*. p. 15-16.

2.5. Spejjeż (l-Artikolu 31)

L-Artikolu 31 tar-Regolament jirrikjedi li kull Stat Membru jħallas l-ispejjeż tiegħu stess li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-Regolament. Madankollu, dan jippermetti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni tissottometti proposta għall-kondiviżjoni ta' spejjeż kbar jew eċċezzjonali.

Żewġ Stati Membri rrapportaw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom xi drabi jġarrbu spejjeż kbar jew eċċezzjonali meta jeżegwixxu ordnijiet ta' ffriżar jew ta' konfiska skont ir-Regolament. Huma enfasizzaw ukoll li b'mod partikolari, l-ispejjeż ta' ġestjoni jistgħu jsiru għoljin b'mod sproporzjonat meta t-talbiet għall-iffriżar ma jiġux segwiti minn deċiżjoni finali ta' konfiska fl-Istat Membru emittenti f'perjodu raġonevoli.

Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, każijiet bħal dawn jidhru li huma relattivament rari. Sitt Stati Membri rrapportaw li qatt ma ġarrbu spejjeż kbar jew eċċezzjonali. Żewġ Stati Membri biss ipprovdew rapporti aneddotali dwar l-isfidi fin-negozjar ta' tali ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż f'konformità mal-Artikolu 31(2).

B'mod aktar ġenerali, diversi Stati Membri nnutaw li f'għadd ta' każijiet kienu rċevew talbiet ta' ffriżar fejn il-valur tal-assi li nstabu kien tant baxx li r-riżorsi meħtieġa għall-iffriżar u l-konfiska tagħhom kienu sproporzjonati. Huma kkritikaw il-fatt li r-Regolament ma jippermettix li talbiet bħal dawn jiġu miċħuda għar-raġuni unika li l-ispejjeż ta' rkupru jkunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur tal-proprjetà.

2.6. Kwistjonijiet oħrajn

Minbarra l-kwistjonijiet diskussi fit-taqsimiet 2.1 sa 2.5, l-Istati Membri nnutaw ċerti sfidi ulterjuri li ma humiex strettament relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament, iżda li huma interkonnessi miegħu. Kwistjoni waħda bħal din tikkonċerna n-nuqqas ta' bażi legali għall-ħruġ ta' talbiet għal iffriżar għall-iskop uniku ta' kumpens għall-vittmi, mingħajr ma tittieħed deċiżjoni ta' konfiska – xi ħaġa li hija prevista fis-sistema legali ta' xi Stati Membri. Tali talbiet ma humiex koperti mir-Regolament, li jiddefinixxi "ordni ta' ffriżar" bħala "deċiżjoni maħruġa jew ivvalidata minn awtorità emittenti sabiex tipprevjeni l-qerda, it-trasformazzjoni, it-tneħħija, it-trasferiment jew id-disponiment ta' proprjetà **bil-ħsieb tal-konfiska tagħha**".

Kwistjoni oħra li ġiet irrapportata mill-Istati Membri hija n-nuqqas ta' bażi legali tal-UE ddedikata biex jintalbu miżuri investigattivi biex jiġu identifikati, traċċati u żgurati l-assi wara kundanna. Id-Direttiva (UE) 2024/1260 teħtieġ espliċitament li l-Istati Membri jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi (AROs, Asset Recovery Offices) għall-iskop ta' investigazzjonijiet għall-intraċċar tal-assi, inkluż wara kundanna. Id-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea[22] (id-Direttiva OIE), tirregola l-kooperazzjoni bl-iskop li jinkisbu l-provi. Madankollu, xi Stati Membri qajmu d-domanda dwar jekk dawn l-għodod humiex biżżejjed biex jiġi żgurat l-irkupru effettiv tal-assi matul il-fażi ta' wara l-kundanna fil-proċedimenti kriminali. Il-Belġju qajjem din il-kwistjoni speċifikament fil-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fid-9 ta' Diċembru 2025.

[22] Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

Il-Kummissjoni ġiet infurmata wkoll mill-Istati Membri dwar nuqqas ta' ċarezza għall-prattikanti dwar l-interazzjoni maħsuba bejn ir-Regolament u l-istrumenti l-oħra tal-UE fil-qasam tal-irkupru ta' assi kriminali. Tali strumenti jinkludu mhux biss id-Direttiva OIE u d-Direttiva riveduta dwar l-Irkupru tal-Assi, iżda wkoll strumenti li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja[23] u mekkaniżmi kontra l-ħasil tal-flus[24].

Fl-aħħar nett, ġie nnotat li xi Stati Membri jimponu kundizzjonijiet jew rekwiżiti għall-kooperazzjoni li ma humiex appoġġati mir-Regolament. Dan jinkludi, pereżempju, ir-rekwiżit li talba għal iffriżar tiġġedded u li l-ordni sottostanti terġa' tinħareġ jew tiġi kkonfermata mill-ġdid mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat emittenti f'intervalli regolari sabiex il-miżura ta' ffriżar tinżamm. Din il-kwistjoni ġiet enfasizzata wkoll mill-Eurojust[25], li tinnota wkoll li xi Stati Membri joħorġu ordnijiet ta' ffriżar b'mod proattiv u jitolbu estensjonijiet ta' miżuri ta' ffriżar fl-Istat ta' eżekuzzjoni f'intervalli regolari għalkemm dan ma huwiex meħtieġ jew previst mir-Regolament.

3. PUNTI SPEĊIFIĊI TA' VALUTAZZJONI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 38

3.1. Possibbiltà li jsiru u jiġu rtirati dikjarazzjonijiet skont l-Artikoli 4(2) u 14(2)

L-Artikolu 4 tar-Regolament jirregola t-trażmissjoni tal-ordnijiet ta' ffriżar. Il-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jiddikjaraw li, meta ċertifikat ta' ffriżar jintbagħat lilhom għar-rikonoxximent jew għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar, l-awtorità emittenti trid tehmeż ukoll l-ordni ta' ffriżar oriġinali jew kopja ċċertifikata. L-istess japplika għall-ordnijiet ta' konfiska skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament.

Kien hemm 16-il Stat Membru li għamlu dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(2). L-istess Stati Membri għamlu wkoll dikjarazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 14(2). Madankollu, mhux dawn id-dikjarazzjonijiet kollha jiddikjaraw li l-awtorità emittenti għandha dejjem tibgħat l-ordni oriġinali ta' ffriżar jew ta' konfiska flimkien maċ-ċertifikati. Fil-fatt, żewġ Stati Membri jiddikjaraw b'mod espliċitu li dan ma huwiex meħtieġ, filwaqt li Stat Membru ieħor jippermetti iżda ma jirrikjedix li l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tiegħu jitolbu l-ordni oriġinali.

Ma ġiet irtirata l-ebda dikjarazzjoni skont l-Artikoli 4(2) jew 14(2).

L-Eurojust tirrapporta li anke f'każijiet fejn l-Istati Membri ma jkunux għamlu dikjarazzjoni skont l-Artikoli 4(2) jew 14(2), l-awtoritajiet kompetenti tagħhom xi kultant xorta jitolbu l-

[23] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122).

[24] Ara, b'mod partikolari, id-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, u li temenda u tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L, 2024/1640, 19.6.2024).

[25] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust p. 14.

ordnijiet nazzjonali sottostanti ta' ffriżar jew konfiska. Dawn it-talbiet jistgħu jkunu r-riżultat ta' informazzjoni insuffiċjenti fiċ-ċertifikat standard tal-iffriżar jew tal-konfiska[26].

3.2. Interazzjoni bejn ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u r-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska (l-Artikoli 8 u 19)

Kif ġie nnutat fl-introduzzjoni ta' dan ir-rapport, ir-Regolament huwa bbażat fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, li min-naħa tagħha tiffaċilita r-rikonoxximent reċiproku. Madankollu, il-fiduċja reċiproka ma timplikax li t-talbiet kollha għall-kooperazzjoni ġudizzjarja dejjem iridu jiġu rikonoxxuti u eżegwiti. Ir-Regolament jistabbilixxi raġunijiet fakultattivi għar-rifjut tar-rikonoxximent u/jew tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska (l-Artikoli 8 u 19), sabiex, fost skopijiet oħra, jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-persuni affettwati minn tali talbiet.

Bosta mir-raġunijiet għar-rifjut stabbiliti fl-Artikoli 8 u 19 tar-Regolament, bħal dawk marbuta mal-prinċipju ta' *ne bis in idem* u l-proċessi *in absentia* (l-Artikoli 8(1)(a) u 19(1)(a) u (g)), għandhom dimensjoni ta' drittijiet fundamentali jew huma rilevanti għad-drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, l-Artikoli 8(1)(f) u 19(1)(h) jipprevedu b'mod espliċitu li l-Istat ta' eżekuzzjoni jista' jirrifjuta li jirrikonoxxi jew jeżegwixxi ordni ta' konfiska jekk, "f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, hemm raġunijiet sostanzjali biex jitwemmen, fuq il-bażi ta' evidenza oġġettiva u speċifika, li l-eżekuzzjoni tal-ordni ta' ffriżar, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, tkun tinvolvi ksur manifest ta' dritt fundamentali rilevanti kif stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv, id-dritt għal proċess ġust jew id-drittijiet tad-difiża".

Fil-kwestjonarju tagħha, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jikkonfermaw in-numru ta' każijiet li fihom kienet ġiet applikata kull waħda mir-raġunijiet speċifiċi għar-rifjut stabbiliti fir-Regolament (l-Artikoli 8 u 19). It-tweġibiet jissuġġerixxu li s'issa, il-biċċa l-kbira ta' dawn ir-raġunijiet intużaw biss sa grad limitat.

Għal ordnijiet ta' ffriżar, 13-il Stat Membru pprovdew informazzjoni diżaggregata dwar ir-raġunijiet għar-rifjut invokati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom sal-lum. Minn dawk, Stat Membru wieħed biss indika li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu kienu użaw ir-raġuni għar-rifjut abbażi tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* (l-Artikolu 8(1)(a)), u Stat Membru wieħed iddikjara li kien irrifjuta ordni ta' ffriżar minħabba li l-aġir li fir-rigward tiegħu nħarġet l-ordni ma kienx jikkostitwixxi reat kriminali skont il-liġi tiegħu (l-Artikolu 8(1)(e)). In-numru ta' każijiet li fihom ġew invokati dawn ir-raġunijiet kien mhux aktar minn disgħa. Ir-raġunijiet għal rifjut abbażi tal-privileġġi jew l-immunitajiet (l-Artikolu 8(1)(b)), tan-natura ekstraterritorjali tar-reat (l-Artikolu 8(1)(d)) u tat-tħassib dwar id-drittijiet fundamentali (l-Artikolu 8(1)(f)) ma ġewx invokati affattu.

Madankollu, Stat Membru wieħed li ma setax jipprovdi data konkreta dwar ir-rifjut ta' talbiet ta' ffriżar enfasizza li l-awtoritajiet tiegħu kienu ta' spiss ltaqgħu ma' każijiet li fihom il-persuni affettwati bbażaw ruħhom fuq argumenti ta' drittijiet fundamentali meta talbu tali rifjuti.

[26] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust, p. 9.

L-Eurojust tirrapporta[27] wkoll li ltaqgħet ma' każijiet fejn l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni effettivament irrifjutaw li jirrikonoxxu jew jeżegwixxu ordnijiet ta' ffriżar abbażi ta' interferenza indebita perċepita fir-rigward tad-drittijiet ta' partijiet terzi affettwati. Dan jinkludi każijiet fejn oġġetti akkwistati b'mod frodulenti nbiegħu minnufih lil persuna oħra. Ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew jeżegwixxu ordnijiet ta' konfiska meta d-drittijiet tal-persuni affettwati jagħmluha impossibbli skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni li jeżegwixxu l-ordni ta' konfiska. Għall-ordnijiet ta' ffriżar, madankollu, ma teżisti l-ebda raġuni għal rifjut bħal dan. L-Eurojust tindika li, għall-inqas f'xi każijiet, l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni madankollu sabu modi kif jirrifjutaw ir-rikonoxximent fuq din il-bażi, bħal billi jinvokaw formalment raġuni oħra għar-rifjut, pereżempju billi ċ-ċertifikat ta' ffriżar ma kienx komplut (Artikolu 8(1)(c)) jew billi jibbażaw fuq argumenti usa' relatati mad-drittijiet fundamentali u l-proporzjonalità, mingħajr ma jindikaw b'mod ċar ir-raġuni li qed tiġi invokata għar-rifjut.

L-unika raġuni għal rifjut invokata minn diversi Stati Membri kienet l-inkompletezza jew it-tlestija skorretta taċ-ċertifikat tal-iffriżar (l-Artikolu 8(1)(c)). Din ir-raġuni tidher ukoll li tirrappreżenta l-biċċa l-kbira tar-rifjuti kollha. Fi Stat Membru wieħed, 31 rifjut kienu marbuta ma' ċertifikati mhux kompluti jew skorretti.

Il-kwistjonijiet irrapportati jinkludu informazzjoni mhux korretta jew skaduta dwar l-assi li għandhom jiġu ffriżati jew il-post fejn jinsabu, u problemi bil-kwalità tat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati tal-iffriżar. L-Eurojust tikkonferma li l-kwalità tat-traduzzjonijiet taċ-ċertifikati standard ta' spiss tkun fqira u spiss kienet teħtieġ l-intervent tagħha biex tiċċara n-nuqqas ta' ftehim li jirriżulta[28]. F'dan il-kuntest, Stat Membru wieħed enfasizza speċifikament l-importanza li l-awtoritajiet mitluba jikkonsultaw mal-awtoritajiet rikjedenti qabel ma jirrifjutaw talba, kif meħtieġ mir-Regolament, biex jippermettu lil dawn tal-aħħar jirrimedjaw kwalunkwe kwistjoni identifikata.

Naraw stampa simili għall-ordnijiet ta' konfiska. Kien hemm 11-il Stat Membru li pprovdew informazzjoni diżaggregata dwar ir-raġunijiet għar-rifjut skont ir-Regolament applikat mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom s'issa. Stat Membru wieħed biss indika li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu kienu invokaw ir-raġunijiet għar-rifjut abbażi tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* (l-Artikolu 19(1)(a)); wieħed kien invoka l-eżistenza ta' privileġġi jew immunitajiet (l-Artikolu 19(1)(b)); u wieħed il-fatt li d-drittijiet tal-persuni affettwati għamluha impossibbli skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru li tiġi eżegwita l-ordni ta' konfiska (l-Artikolu 19(1)(e)). Bħal fil-każ tar-rifjut tat-talbiet għall-iffriżar, in-numru ta' każijiet li fihom ġew invokati dawn ir-raġunijiet kien mhux aktar minn disgħa. Ir-raġuni għar-rifjut abbażi tan-natura ekstraterritorjali tar-reat (l-Artikolu 19(1)(d)) ma ġietx invokata affattu. Tliet Stati Membri rrifjutaw li jirrikonoxxu ordnijiet ta' konfiska marbuta ma' aġir li ma jikkostitwix reat kriminali skont il-liġi tagħhom (l-Artikolu 19(1)(f)). Żewġ Stati Membri rrifjutaw ir-rikonoxximent għal raġunijiet relatati mal-fatt li l-persuna affettwata kienet ġiet ipproċessata *in absentia* (l-Artikolu 19(1)(g)).

L-aktar raġuni għar-rifjut użata ta' spiss kienet is-sottomissjoni ta' ċertifikati ta' konfiska mhux kompluti jew skorretti (l-Artikolu 19(1)(c)). Seba' Stati Membri rrapportaw li invokaw

[27] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust, p. 16.
[28] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust, p. 9.

din ir-raġuni għal rifjut. Madankollu, in-numru ta' każijiet affettwati jidher li huwa inqas minn dak għat-talbiet għall-iffriżar. It-tħassib dwar id-drittijiet fundamentali bħala tali (l-Artikolu 19(1)(h)) ġie invokat biss f'żewġ Stati Membri bħala raġuni għal rifjut, b'inqas minn ħames każijiet irrapportati.

L-interpretazzjoni tar-raġunijiet għar-rifjut abbażi ta' tħassib dwar id-drittijiet fundamentali, kif stabbilit fl-Artikolu 19(1)(h) tqajmet fir-rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-8/24. Dan il-każ jikkonċerna l-kooperazzjoni ġudizzjarja skont ir-Regolament bejn il-Kroazja u s-Slovenja. Il-Qorti ntalbet tiċċara jekk ir-Regolament jipprekludix ir-rikonoxximent ta' ordni ta' konfiska meta l-persuna affettwata mill-konfiska ma kinitx tgawdi minn ċerti drittijiet proċedurali. Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Richard de la Tour ingħataw fit-12 ta' Ġunju 2025[29]. L-Avukat Ġenerali kkonkluda li l-Artikolu 19(1)(h) tar-Regolament 2018/1805 irid jiġi interpretat bħala li jfisser li r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska ma jistgħux jiġu miċħuda, jekk il-persuna affettwata tkun ġiet innotifikata kif xieraq bl-ordni inkwistjoni, iżda tkun naqset milli titlob rimedju disponibbli li seta' wassal għal rieżami tal-konformità mal-istandards ta' proċess ġust. Madankollu, is-sentenza finali mill-Qorti għadha pendenti.

3.3. Ġestjoni u disponiment ta' proprjetà ffriżata u kkonfiskata, inklużi r-restituzzjoni u l-kumpens (l-Artikoli 28, 29 u 30)

L-Artikoli 28, 29 u 30 tar-Regolament jirregolaw il-ġestjoni u d-disponiment ta' assi ffriżati u kkonfiskati u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi.

L-Artikolu 28 jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-proprjetà ffriżata u kkonfiskata tiġi ġestita b'mod li jipprevjeni d-deprezzament. Għodda ewlenija għall-awtoritajiet kompetenti biex jiksbu dan l-objettiv hija l-possibbiltà li jbigħu l-proprjetà ffriżata qabel ma tiġi kkonfiskata. Dan it-tip ta' bejgħ ta' qabel il-konfiska, tipikament imsejjaħ "bejgħ interlokutorju", huwa previst ukoll fl-Artikolu 20 tad-Direttiva tal-UE dwar l-Irkupru tal-Assi[30]. Skont dik id-Direttiva, il-bejgħ irid ikun soġġett għal salvagwardji stretti biex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tal-persuni affettwati.

Ma ġiet irrapportata l-ebda kwistjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 29. Erba' Stati Membri indikaw li japplikaw regoli differenti għall-ġestjoni tal-proprjetà fil-proċedimenti tal-irkupru tal-assi domestiċi minn dawk applikati fil-proċeduri ta' kooperazzjoni f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament. Madankollu, dawn id-differenzi ma ġewx irrapportati li kkawżaw xi kwistjonijiet fil-prattika.

L-Artikolu 29 jirregola r-restituzzjoni tal-proprjetà ffriżata lill-vittmi tal-kriminalità. Meta l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti fl-Istat rikjedenti jkunu ddeċidew li assi speċifiċi għandhom jiġu rritornati lill-vittma, l-awtorità emittenti trid tinforma lill-awtorità rikjesta b'din id-deċiżjoni. L-awtorità rikjesta mbagħad trid tirritorna l-proprjetà skont il-proċeduri nazzjonali tagħha stess. It-trasferimenti diretti ta' tali proprjetà lill-vittma huma possibbli. Madankollu, huwa essenzjali li t-titolu tal-vittmi għall-proprjetà ma jiġix ikkontestat, li l-

[29] Il-konklużjonijiet tal-AĠ de la Tour tat-12 ta' Ġunju 2025, il-Kawża C-8/24, EU:C:2025:430.
[30] Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi (ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024).

proprjetà ma tkunx meħtieġa bħala prova u li d-drittijiet tal-persuni affettwati mir-restituzzjoni ma jinkisrux fil-proċess.

Kien hemm 16-il Stat Membru li pprovdew informazzjoni dwar l-esperjenza tagħhom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 29. Kollha minbarra wieħed minn dawn indikaw li kienu rritornaw proprjetà ffriżata lill-vittmi. Ħames Stati Membri ltaqgħu ma' sfidi partikolari f'dan ir-rigward. Stat Membru wieħed innota, pereżempju, li kien iltaqa' ma' każijiet li fihom l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni insista li d-deċiżjoni li l-proprjetà ffriżata tiġi rritornata lill-vittma trid tinħareġ minn qorti fl-Istat emittenti. Madankollu, dan ir-rekwiżit ma huwiex appoġġat mir-Regolament, li ma jillimitax it-tipi ta' awtorità li jistgħu joħorġu tali deċiżjoni sabiex din tiġi rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 29. L-Istati Membri u l-Eurojust[31] irrapportaw ukoll li l-applikazzjoni tal-Artikolu 29 hija ta' sfida meta aktar minn vittma waħda jkollha pretensjoni għar-ritorn ta' proprjetà u l-proprjetà ffriżata ma tkunx biżżejjed biex tissodisfa l-pretensjonijiet kollha tal-vittmi, jew meta jkun hemm vittmi b'talbiet leġittimi f'diversi ġuriżdizzjonijiet. Ir-Regolament ma jistabbilix il-proċedura li għandha tiġi segwita f'każijiet bħal dawn.

Ir-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust jenfasizza wkoll li r-restituzzjoni tal-proprjetà ffriżata għadha kumplessa mill-aspett operazzjonali. Minbarra li tikkonferma l-isfidi li jirriżultaw f'każijiet li jinvolvu talbiet multipli u/jew ta' vittmi kompetituri, l-Eurojust tirrapporta dwar diversi każijiet li fihom l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkun irrifjuta bis-sħiħ jew parzjalment li jikkonforma mal-Artikolu 29 tar-Regolament, billi jikkwota dispożizzjonijiet konfliġġenti tal-liġi nazzjonali li ma jippermettux ir-ritorn tal-proprjetà ffriżata, jew tal-anqas ta' ċerti tipi ta' tali proprjetà, qabel ma tkun inħarġet ordni ta' konfiska finali[32].

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rispondenti ġeneralment jittrasferixxu l-proprjetà riżervata għar-ritorn jew għall-kumpens direttament lill-vittmi, mingħajr ma l-Istat emittenti jaġixxi bħala intermedjarju, għalkemm il-metodu ta' trasferiment tipikament ivarja skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan huwa konformi mal-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament.

Ġiet irrapportata prattika tajba dwar il-koordinazzjoni tal-azzjoni skont ir-Regolament b'azzjoni skont id-Direttiva 2014/60 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali[33]. Madankollu, ir-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust jinnota li jista' jvarja ħafna ż-żmien meħud mill-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni biex fil-fatt jittrasferixxu l-proprjetà lill-vittmi, b'mod partikolari l-proprjetà ffriżata li għandha tiġi rritornata skont l-Artikolu 29 tar-Regolament. Filwaqt li f'xi każijiet ir-ritorni ħadu inqas minn xahrejn, f'oħrajn, il-vittmi kellhom jistennew aktar minn sena. Dan ma huwiex konsistenti mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 29 li r-ritorni għandhom isiru mill-aktar fis possibbli.

L-Artikolu 30 jirregola d-disponiment tal-assi kkonfiskati. Ir-regola primarja għal tali disponiment hija li l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar ir-restituzzjoni tal-proprjetà lill-vittmi tal-kriminalità jew dwar il-kumpens tagħhom jieħu preċedenza. Bħal fil-każ tal-Artikolu 29, l-Istat emittenti jrid jinforma lill-Istat ta' eżekuzzjoni dwar tali deċiżjonijiet. L-Istat ta'

[31] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust, p. 19.
[32] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust, p. 19.
[33] Id-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1).

eżekuzzjoni mbagħad irid jeżegwixxi dawk id-deċiżjonijiet mill-aktar fis possibbli u jittrasferixxi l-proprjetà lill-vittma jew direttament jew permezz tal-Istat Membru emittenti. Jekk ma jkunx possibbli li tiġi rritornata l-proprjetà oriġinali meħuda mingħand vittma iżda jkunu nkisbu flus bħala riżultat tal-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska relatata ma' dik il-proprjetà, is-somma korrispondenti trid tiġi ttrasferita lill-vittma.

Stat Membru wieħed biss irrapporta diffikultajiet fir-ritorn tal-proprjetà kkonfiskata lill-vittmi tal-kriminalità, u jidher li l-kwistjoni kienet operazzjonali aktar milli legali. Toħroġ stampa simili fir-rigward tal-użu tal-assi kkonfiskati biex jingħata kumpens lill-vittmi tal-kriminalità: Stat Membru wieħed biss irrapporta li, f'okkażjonijiet rari, kellu kwistjonijiet bir-regoli skont l-Artikolu 30 dwar l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet biex jingħata kumpens lill-vittmi. Madankollu, l-Eurojust tirrapporta[34] li hija ltaqgħet ma' każijiet fejn kienet ta' sfida biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli dwar id-disponiment ta' proprjetà kkonfiskata għar-restituzzjoni jew għall-kumpens. Fil-każ ippreżentat mill-Eurojust, id-diffikultà rriżultat minn karatteristiċi speċifiċi tal-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat emittenti adottaw deċiżjonijiet dwar il-kumpens għall-vittmi, iżda ma nħarġet l-ebda ordni ta' konfiska għall-proprjetà ffriżata fl-Istat ta' eżekuzzjoni li setgħet tipprovdi bażi biex jiġu ssodisfati t-talbiet għall-kumpens.

Peress li l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri ma jiġbrux informazzjoni dwar l-għadd ta' każijiet li fihom ir-restituzzjoni jew il-kumpens lill-vittmi jkunu ġew iffaċilitati, il-Kummissjoni ma għandhiex ħarsa ġenerali dwar kemm ta' spiss jiġu applikati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (jiġifieri l-Artikoli 29 u 30(1)-(5)).

Meta ma jkun hemm l-ebda pretensjoni tal-vittmi li għandha tiġi ssodisfata jew meta l-valur tal-proprjetà kkonfiskata jaqbeż dawk il-pretensjonijiet, il-bqija jrid jinqasam bejn l-Istati emittenti u ta' eżekuzzjoni. Fir-rigward tal-flus, ir-regoli huma sempliċi ħafna. Kwalunkwe somma ogħla minn EUR 10 000 għandha tinqasam b'mod ugwali bejn dawn l-Istati, sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor. Kwalunkwe somma ekwivalenti għal 10 000 jew inqas tista' tinżamm mill-Istat ta' eżekuzzjoni u ma għandhiex għalfejn tiġi kondiviża. Għall-proprjetà minbarra l-flus, l-arranġamenti ta' kondiviżjoni jistgħu jieħdu diversi forom, inkluża l-opzjoni li tinbiegħ il-proprjetà u li r-rikavati jinqasmu b'mod ekwu, kif deskritt hawn fuq. Huwa possibbli wkoll li l-Istati emittenti u ta' eżekuzzjoni jaqblu li l-proprjetà tibqa' fl-Istat ta' eżekuzzjoni, għall-użu fl-interess pubbliku jew għal skopijiet soċjali. L-opzjoni li għandha tiġi applikata trid tiġi miftiehma bejn l-Istati Membri involuti f'kull każ.

L-Istati Membri rispondenti kollha minbarra wieħed ikkonfermaw li applikaw ir-regoli prestabbiliti għall-kondiviżjoni tal-flus. L-Istat Membru wieħed li rrapporta prattika differenti indika li, f'każijiet rari, kien hemm qbil dwar arranġamenti informali oħra, kif permess mir-Regolament.

[34] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust, p. 21.

4. PROPOSTI TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

4.1. Stati Membri

Fid-dawl tal-isfidi deskritti hawn fuq dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jekk jarawx il-ħtieġa li jemendaw ir-Regolament biex itejbu l-utilità tiegħu jew jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tiegħu. Tmien Stati Membri kkonfermaw li jaraw din il-ħtieġa. L-emendi proposti jinkludu, fost affarijiet oħra, li jiġu stabbiliti:

1) limiti ta' żmien speċifiċi għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar;
2) limitu ta' żmien speċifiku għan-notifika lill-awtorità emittenti ta' kwalunkwe ċirkostanza li tipprevjeni r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni immedjata ta' ordni ta' ffriżar;
3) limitu ta' żmien speċifiku għar-rapportar dwar l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska;
4) perjodu massimu li matulu l-miżuri ta' ffriżar jistgħu jinżammu mill-Istat ta' eżekuzzjoni biex jiġi evitat piż sproporzjonat fuq dak l-Istat u interferenza bla bżonn fit-tul mad-drittijiet tal-persuni affettwati;
5) raġuni għar-rifjut ta' ordnijiet ta' ffriżar jew ta' konfiska relatati ma' assi ta' valur baxx fejn ir-riżorsi meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-ordni jkunu sproporzjonati meta mqabbla mal-valur tal-assi;
6) raġuni espliċita għar-rifjut ta' ordnijiet ta' ffriżar abbażi ta' interferenza bla bżonn mad-drittijiet ta' partijiet terzi *bona fide*;
7) regola li teħtieġ l-aċċettazzjoni ta' ċertifikati ta' ffriżar bl-Ingliż, tal-anqas f'każijiet urġenti, filwaqt li t-traduzzjoni tiġi pprovduta mill-aktar fis possibbli;
8) bażi legali biex jintalab l-iffriżar tal-assi għall-iskop uniku ta' restituzzjoni jew kumpens tal-vittmi;
9) proċedura li tippermetti lill-Istati Membri jorbtu t-talbiet għas-sekwestru tal-evidenza skont OIE ma' talbiet għall-iffriżar tal-assi kriminali skont ir-Regolament;
10) opzjoni li tippermetti lill-awtorità emittenti, meta din tibgħat talba għall-iffriżar, titlob b'mod espliċitu lill-awtorità ta' eżekuzzjoni biex twettaq investigazzjonijiet ulterjuri dwar il-proprjetà u l-affarijiet finanzjarji ta' persuna suspettata jew akkużata fl-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex tiddetermina jekk proprjetà ulterjuri li tista' tiġi kkonfiskata jew għandha tiġi kkonfiskata tinsabx fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni;
11) taqsima fiċ-ċertifikat tal-iffriżar li titlob lill-awtorità emittenti biex tispeċifika t-tip ta' konfiska (eż. konfiska ta' oġġetti jew konfiska bbażata fuq il-valur) li għaliha tirrelata t-talba għall-iffriżar. Ġie ssuġġerit li dan jagħmilha aktar faċli għall-awtoritajiet kompetenti biex jeżegwixxu malajr ordnijiet ta' ffriżar bil-mod maħsub mill-awtorità emittenti;
12) formola standard għar-rapportar dwar l-eżekuzzjoni ta' ordni ta' ffriżar.

Stat Membru wieħed indika wkoll li l-applikazzjoni tar-Regolament hija ġeneralment imfixkla minn nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-proċeduri nazzjonali maħsuba biex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tiegħu. Kif ġie nnotat f'dan ir-rapport, kemm l-Istati Membri kif ukoll l-Eurojust irrapportaw każijiet ripetuti li fihom il-grad ta' awtonomija proċedurali mħolli lill-Istati Membri skont ir-Regolament jew in-nuqqas ta' emenda tal-liġi nazzjonali biex jiġu evitati kunflitti mar-Regolament seta' interferixxa mal-applikazzjoni effettiva tiegħu.

L-Istati Membri ġew mistoqsija wkoll jekk jarawx valur miżjud fl-iżvilupp ta' miżura ta' liġi mhux vinkolanti li tipprovdi gwida dwar kif ir-Regolament jinteraġixxi ma' strumenti legali oħra tal-UE li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni għall-finijiet tal-irkupru ta' assi kriminali, bħad-Direttiva 2014/41 (id-Direttiva OIE) u d-Direttiva 2024/1260 (id-Direttiva riveduta dwar l-Irkupru ta' Assi). Kien hemm 15 mid-19-il Stat Membru li wieġbu li indikaw li jaraw dan il-valur miżjud, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżgurar taċ-ċarezza dwar l-interazzjoni bejn ir-Regolament u d-Direttiva riveduta dwar l-Irkupru tal-Assi. Stat Membru wieħed innota b'mod aktar ġenerali li kwalunkwe miżura li tippromwovi approċċ uniformi fost l-Istati Membri għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1805 tkun ta' benefiċċju, għalkemm ġie nnotat ukoll li kwalunkwe inizjattiva bħal din għandha timminimizza kwalunkwe piż potenzjali fuq l-awtoritajiet nazzjonali, kif ġie enfasizzat ukoll fir-Rapport tal-Forum ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-Ġustizzja Kriminali tal-UE[35].

Stat Membru wieħed ippropona wkoll li tiġi ċċarata l-interazzjoni bejn ir-Regolament u l-istrumenti tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni f'materji ċivili (eż. ir-Regolament (UE) 655/2014[36] u r-Regolament (UE) 1215/2012)[37], li jistgħu jsiru rilevanti, b'mod partikolari, fejn il-proċedimenti kriminali ma jitkomplewx u l-miżuri ta' ffriżar skont ir-Regolament iridu jitneħħew iżda jkun għad hemm vittmi bi pretensjonijiet ċivili li jeħtieġu s-sekwestru ċivili sussegwenti tal-assi.

Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri li wieġbu jappoġġaw ukoll l-idea li jinħoloq grupp ta' esperti dedikat u multidixxiplinari dwar l-irkupru tal-assi kriminali (b'rappreżentanti minn tal-anqas l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji) u/jew li jiġi pprovdut finanzjament ulterjuri tal-UE ddedikat għat-taħriġ tal-prattikanti involuti fl-applikazzjoni tar-Regolament.

4.2. Eurojust

Fir-rapport dwar il-każijiet tagħha, l-Eurojust tidentifika diversi kawżi ewlenin tal-isfidi fl-applikazzjoni tar-Regolament. Hija tinnota li, fil-prattika, in-normi u t-tradizzjonijiet nazzjonali xi kultant għadhom jipprevalu fuq ir-Regolament. L-Eurojust tikkritika wkoll il-grad baxx ta' armonizzazzjoni bejn l-oqfsa legali tal-Istati Membri, b'mod partikolari dwar id-dispożizzjonijiet u l-mekkaniżmi legali li jappoġġaw l-applikazzjoni tar-Regolament fejn dan iħalli l-kwistjonijiet f'idejn l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri. Dan jinkludi approċċi diverġenti għan-nomina tal-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, l-Eurojust tidentifika sfidi fid-determinazzjoni tal-interpretazzjoni korretta tar-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' kunċetti awtonomi bħal "proċedimenti f'materji kriminali" u tesprimi tħassib dwar il-faċilità għall-utent taċ-ċertifikati standard.

Għalhekk, l-Eurojust titlob gwida ċara dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (bħad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 29 u 30 dwar ir-restituzzjoni u l-kumpens tal-

[35] Disponibbli fuq: https://commission.europa.eu/document/download/606f0f38-12f9-4893-8941-3ac835229bcd_en?filename=JUST_template_comingsoon_standard_16.pdf.

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 59).

[37] Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

vittmi), b'mod partikolari f'każijiet kumplessi[38]. Ir-rapport dwar il-każijiet jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u awtoritajiet oħra involuti fil-katina tal-irkupru tal-assi (bħall-unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (FIUs, Financial Intelligence Units)).

5. KONKLUŻJONI

L-għan tar-Regolament huwa li jiffaċilita l-irkupru effiċjenti u effettiv tal-assi kriminali bejn il-fruntieri, b'mod partikolari sabiex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata transfruntiera. Jagħmel dan billi jistabbilixxi regoli dettaljati dwar kif għandhom isiru t-talbiet għar-rikonoxximent ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska u kif dawn għandhom jiġu ttrattati mill-Istat Membru rikjest. Dan jiġġenera grad għoli ta' ċertezza legali għall-prattikanti li japplikaw dan l-istrument u jipprevjeni d-dewmien ikkawżat min-nuqqas ta' regoli ċari dwar aspetti proċedurali ewlenin. Flimkien mal-użu obbligatorju ta' ċertifikati standard u ż-żamma ta' rutini effettivi ta' komunikazzjoni, il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fl-irkupru ta' assi kriminali hija ssimplifikata kemm jista' jkun. Bħala tali, ir-Regolament huwa strument ewlieni użat b'mod wiesa' għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji kriminali. Iwettaq funzjoni unika u kruċjali fl-*acquis* usa' tal-UE billi jindirizza l-ħasil tal-flus, il-kriminalità organizzata u l-finanzjament tat-terroriżmu u tejjeb b'mod sinifikanti l-irkupru transfruntier tal-assi. Madankollu, għad hemm lok għal titjib fiż-żieda tal-proporzjon ta' rikavati kriminali identifikati li fl-aħħar mill-aħħar jiġu kkonfiskati jew irritornati lill-vittmi tal-kriminalità jew użati mill-ġdid għall-benefiċċju tagħhom.

Għad hemm għadd ta' sfidi fl-applikazzjoni effettiva tar-Regolament. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-Eurojust fir-rapport dwar il-każijiet tagħha, li jenfasizza li f'xi każijiet ir-Regolament għadu mhux applikat b'mod korrett u saħansitra huwa kkontestat b'referenza għal-liġi nazzjonali.

Ħafna mill-kwistjonijiet enfasizzati f'dan ir-rapport u fir-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust jistgħu jiġu attribwiti għal żball uman jew nuqqas ta' familjarità mas-sistemi legali tal-Istati Membri l-oħra involuti. Dan jinkludi, pereżempju, każijiet fejn il-kooperazzjoni transfruntiera ġiet imfixkla jew ittardjata minħabba li t-talbiet għar-rikonoxximent ta' ordnijiet ta' ffriżar jew ta' konfiska ntbagħtu lill-awtoritajiet il-ħżiena fl-Istat ta' eżekuzzjoni jew minħabba li ċ-ċertifikati tlestew b'mod żbaljat. Id-diġitalizzazzjoni kontinwa taċ-ċertifikati hija mistennija li tindirizza xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet. L-inklużjoni ta' prompts u messaġġi predefiniti għandha tagħmilhom aktar faċli għall-utent u tiżgura konsistenza akbar bejn il-forma u l-kontenut tat-talbiet. Gwida mhux vinkolanti dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, l-aħjar prattiki u aktar taħriġ għall-prattikanti rilevanti jistgħu jgħinu wkoll biex jitnaqqsu dawn l-ostakli. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jappoġġaw l-allokazzjoni ta' fondi tal-UE speċifikament għal tali taħriġ.

Madankollu, xi kwistjonijiet huma ta' natura aktar legali jew sistemika u jista' jkollhom bżonn jiġu indirizzati f'livell leġiżlattiv jew politiku fl-Istati Membri. Dawn jinkludu, pereżempju, l-impożizzjoni unilaterali ta' kundizzjonijiet għall-kooperazzjoni skont il-liġi

[38] Ara r-rapport dwar il-każijiet tal-Eurojust, p.22.

nazzjonali li ma humiex previsti fir-Regolament. Jinkludu wkoll nuqqas ta' konformità rikorrenti mal-limiti ta' żmien u dewmien sinifikanti bejn il-ħruġ ta' talbiet għall-iffriżar u s-segwitu b'talba għal konfiska. L-indirizzar ta' dawn it-tipi ta' kwistjonijiet jeħtieġ, fost affarijiet oħra, bidliet fil-liġi u fil-prattika nazzjonali u rieżami tar-riżorsi allokati lill-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ u l-eżekuzzjoni ta' talbiet għar-rikonoxximent ta' ordnijiet ta' ffriżar jew ta' konfiska skont ir-Regolament. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura konformità sħiħa mar-Regolament.

Fl-aħħar nett, dan ir-rapport juri li hemm bżonn li jiġu eżaminati l-limitazzjonijiet tar-Regolament u l-kuntest usa' li jopera fih. L-Istati Membri pproponew emendi għar-Regolament li jemmnu li jtejbu l-effettività tiegħu. Huma enfasizzaw ukoll li mhux il-fażijiet jew l-elementi kollha tal-proċedura ta' rkupru tal-assi huma koperti mir-Regolament jew minn liġi rilevanti oħra tal-UE. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja għall-fini tat-traċċar u l-iffriżar tal-assi wara l-kundanna għall-fini ta' kumpens għall-vittmi mingħajr ma tiġi segwita ordni ta' konfiska. Il-Kummissjoni se ssegwi l-inizjattiva Belġjana[39] f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, l-interazzjoni maħsuba bejn l-istrumenti differenti fil-qasam tal-irkupru tal-assi kriminali mhux dejjem tkun faċli biex tinftiehem mill-prattikanti. Għalhekk, maġġoranza ċara tal-Istati Membri indikat appoġġ għal gwida mhux vinkolanti dwar din il-kwistjoni.

Ħafna Stati Membri esprimew ukoll appoġġ għall-istabbiliment ta' grupp ta' esperti multidixxiplinari dwar l-irkupru tal-assi kriminali li jista' jiffaċilita fehim aktar olistiku tal-qafas tal-UE għall-irkupru tal-assi kriminali. Il-Grupp ta' Fokus Ġudizzjarju dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Irkupru tal-Assi li tnieda reċentement mill-Eurojust[40] huwa ta' rilevanza partikolari f'dan il-kuntest.

Il-Kummissjoni se tirrifletti dwar kif l-aħjar tindirizza l-isfidi identifikati f'dan ir-rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u dwar il-proposti u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri u mill-Eurojust biex tiddetermina l-aħjar triq 'il quddiem. B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex tipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni tar-Regolament fi ħdan il-qafas usa' tal-UE għall-irkupru ta' assi kriminali.

[39] Ara t-Taqsima 2.6.
[40] Għad-dettalji, ara https://www.eurojust.europa.eu/news/eurojust-meeting-tackles-emerging-trends-money-laundering-and-asset-recovery.